MALTA

# TRIBUNAL GĦALL-INVESTIGAZZJONI TA' INĠUSTIZZJI

## ONOR. IMĦALLEF LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tas-26 ta' April, 2004

Rikors Numru. 1084/1997/1

Joseph Spiteri
vs
Ir-Rettur ghan-nom tal-Universita` ta' Malta

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi huwa ressaq il-kaz tieghu kontra l-intimat, quddiem it-Tribunal minhabba ingustizzja gravi li huwa bata, bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995, minhabba l-agir illegali u diskriminazzjoni anki politika tal-intimat.

Illi l-fatti tal-kaz fil-qosor kienu kif inghad:-

Illi huwa kien dahal jahdem mal-Universita` ta' Malta fl-1969. Huwa dahal jahdem bhala Lab Technician I. Wara sentejn huwa kkwalifika u ha l-grad ta' Lab Tech II, li kien jittiehed b'rakkomandazzjoni mill-"Head of Department" ghal zmien twil.

Illi kien attenda ghal “scholarship” ta’ sentejn fl-Ingilterra u rnexxielu jgib diversi certifikati ta’ kwalifika fix-xoghol tieghu li tejjbu u avvantaggaw il-pozizzjoni tieghu biex jottjeni promozzjoni.

Illi huwa dejjem ghamel xoghlu sewwa tant li qatt ma kien hemm rapporti hziena kontrieh u dejjem ta rendiment validu lis-superjuri tieghu.

Illi huwa kien applika ghall-grad ta’ Lab. Tech. III, fl-Universita` ta’ Malta f’Novembru tal-1993. Huwa kellu dak kollu mehtieg u mitlub mill-intimat kif imsemmi fis-sejha ghall-applikazzjoni. Ir-rikorrent kien qaghad ghall-interview u hass li mar tajjeb. Dana peress li l-mistoqsijiet fis-suggett li ghamlulu gharaf iwegibhom sewwa peress li kienu dwar xoghol li kien ilu jaghmel ghal diversi snin.

Illi meta gew pubblikati l-promozzjonijiet huwa nduna li kien gie maqbuz minn persuni li kienu inqas kwalifikati minnu, kemm fl-esperjenza kif ukoll fil-kwalifici rilevanti. Huwa deherlu li ghalhekk kien bata ingustizzja u diskriminazzjoni.

Illi li kieku r-rikorrent ma giex maqbuz fil-promozzjonijiet li kien haqqu u li ma hax minkejja li huwa kwalifikat tajjeb ghall-istess, kieku llum huwa ghandu l-grad li jintalab ghal paga ahjar u ghalhekk huwa bata telf ta’ qliegh minhabba l-agir ingust u diskriminatorju tal-intimat.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib, sabiex jsostni l-ilment tieghu, lix-xhieda kollha murija fl-elenku li kellhom jixhdu kif inghad kif ukoll dawk id-dokumenti mehtiega fil-kaz tieghu.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lit-Tribunal ghall-Investigazzjoni tal-Ingustizzji jisma’ l-kaz tieghu u dana skond l-Att tal-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta’ Ingustizzji u li jiddeciedi fih billi :

1. jiddikjara li l-intimat bhala Rettur tal-Universita’ ta’ Malta kien responsabbli ta’ ingustizzja kontra r-rikorrent

meta ma tahx il-promozzjoni li kien haqqu ghal Laboratory Officer III.

2. jikkundanna lill-intimat li jaghti lir-rikorrent dik is-seniority u/jew promozzjoni li huwa tilef;

3. billi l-intimat jigi ordnat li jaghti kumpens xieraq mill-intimati jew min minnhom, ta' mhux aktar minn Lm5000 Maltin skond il-ligi ghat-telf li bata minhabba l-istess ingustizzja.

Bl-ispejjez kontra l-intimat.

Ra l-elenku tax-xhieda tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**
Ra r-risposta ta' Rettur tal-Universita` li eccepixxa:

Illi l-intimat bl-ebda mod ma ghamel l-ebda ingustizzja mar-rikorrent. Il-promozzjonijiet mill-liema jillamenta ruhu r-rikorrent saru korrettement u minghajr ebda ingustizzja u ghalhekk ma hemm l-ebda kaz li saret xi ingustizzja mal-istess rikorrent.

Ra l-elenku tax-xhieda ta' l-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri

Ikkunsidra

**PROVI:**
Ir-<u>rikorrent</u> ipprezenta affidavit fejn qal li dahal jahdem fl-Universita` fl-1969 bhala 'Junior Technician' fis-sezzjoni tal-anatomija. Qal li wara sentejn kien sar 'Technician II' u baqa' hekk sal-lum. Semma li fl-1975 kienu baghtuh l-Ingilterra fuq 'scholarship' ghal sentejn biex jistudja ghall-part II tas-'Science Laboratory Technicians Certificate'. Qal li kien mar tajjeb fl-ezamijiet u kien gab certifikat

tajjeb. Zied ighid li hu meta kien l-Ingilterra kien studja wkoll ghal Part III u attenda ghal ezamijiet u l-kwalifiki li ottjena huma relatati hafna max-xoghol li esegwixxa hu. Kompla jghid li hu hass li saret ingustizzja mieghu meta certu John Ellul kien sar Laboratory Officer III. Semma li l-ufficjal li lahaq qablu lanqas il-Part II tas-City & Guilds ma kellu. Semma wkoll lil Marthese Gemmel, li lahqet qablu wkoll u kellha biss il-Part I tas-'City & Guilds'. Qal li fir-'Restructuring Agreement' ta' Ottubru 1989, jinghad li l-grad ta' Laboratory Officer III ghandu jkun relatat ma' li tkun 'in charge' mill-laboratorji u mil-lab officers. Qal ukoll li f'xi dipartimenti bhal tal-physics kien hemm iktar minn ufficjal wiehed li kien Laboratory Officer III, fejn fil-fatt kien hemm Joseph Formosa u mbaghad lahaq Charles Doublet. Zied ighid li waqt l-intervista hu dehrlu li mar tajjeb fit-twegibiet u skond hu, hu kien l-iktar kwalifikat fost l-applikanti.

Semma lil Charles Camilleri, Reno Sacco u John Ellul li kellhom il-Part I tas-City & Guilds biss u qal li dawn lahqu Laboratory Officers III u xi whud minnhom lanqas seniority daqsu ma kellhom. Spjega li f' Ottubru 1993 saret sejha ghall-applikazzjonijiet minn Laboratory Officer II ghal Laboratory Officer III u kull min kien ilu fil-grad ta' Laboratory Officer II seta' japplika u hu kien applika. Qal li kienu applikaw 14 u wara l-intervista ntghazlu 12-il kandidat u hu ma giex maghzul minkejja l-kwalifiki u l-esperjenza tieghu.

In kontro ezami qal li l-ilment tieghu hu li ma sarx Laboratory Officer III avolja kellu esperjenza u kwalifiki iktar minn haddiehor, kellu c-certifikat tas-City & Guilds parts I, II u III u kellu wkoll 'Sina Certificate' ta' l-Ingilterra u kwalifiki fil-'Laboratory Electronics'.

Xehed il-Professur Alfred Cuschieri Professur tal-Anatomija u Genetika fid-Dipartiment tal-Anatomija u qal li lir-rikorrent jafu bhala technician l-Universita`. Qal li jaf li r-rikorrent kien 'fully qualified' bhala technician meta dahal, u kien Laboratory Officer II. Meta ra dokument a fol 21 ikkonferma l-firma tieghu u qal li din il-firma tfisser li ma kienx qed jikkontesta dak li qed jigi dikjarat mir-

rikorrent. Qal li dak iz-zmien kien hemm is-Sur Ellul u s-Sur Spiteri bhala Laboratory Assistants u kien hemm anki Mario Testa. Hu kkonferma li s-Sur Ellul kien sar Laboratory Officer III u fir-rigward tas-Sur Spiteri jaf li ma kienx gie appuntat. Semma li fl-anatomija kien hemm zewg technicians u generalment f'din is-sezzjoni dejjem kienu hekk, b'zewg technicians. Fil-fizjologija kellhom ukoll numru ta' technicians izda per ezempju f'sezzjoni ohra bhal kirurgija ma kienx hemm bzonn ta' technicians. Qal li kien hemm zmien meta kien hemm iktar technicians fis-sezzjoni u f'xi zmien peress li s-Sur Ellul kien on prolonged leave, ir-rikorrent kien wahdu bhala technician. Fir-rigward tal-kapacitajiet professjonali tar-rikorrent qal li bhala xoghol kien jaghmlu tajjeb anki rigward fotografija. Qal ukoll li kien ikun involut biss biex isiru rakkomadazzjonijiet ghall-increments tal-impjegati. Zied ighid li jidhirlu li r-rikorrent kellu s-City & Guilds Parts 1, 2 u 3 u jaf li r-rikorrent kien membru tal-General Workers' Union.

Xehdet il-Professur <u>Marie Therese Camilleri</u> Head tad-Dipartiment tal-Anatomija tal-Universita` li qalet li bdiet bhala Kap fl-1996 u t-terminu hu ta' erba' snin u fis-sena 2000 regghet giet mgedda l-kariga taghha. Semmiet li r-rikorrent tiftakru hemm mill-1972 bhala technician fid-Dipartiment tal-Anatomija u li tiftakar li r-rikorrent kien mar jistudja l-Ingilterra u li kien ghamel is-City & Guilds. Esebiet dokument a fol 73 li hi ittra li tghid li minn skala 10 jitla' skala 9 u r-rakkomandazzjoni fejn qed jigi rikmandat bhala 'Laboratory Officer II' ghal skala 9 a fol 74. Fir-rigward ta' John Ellul qalet li qieghed ukoll fid-Dipartiment tal-Anatomija u qieghed grad oghla mir-rikorrent cioe` 'Laboratory Officer III'. Ziedet tghid li Ellul kien ghamel zmien fil-medical school, jigifieri kien assenti mid-Dipartiment tal-Anatomija. Spjegat li peress li l-istudenti zdiedu l-pressjoni tax-xoghol zdiedet fuq l-istaff tekniku. Fir-rigward tar-rikorrent qalet li hu kien jaghmel hafna xoghol fil-muzew u jghin lill-istudenti fil-preparazzjoni tal-progetti filwaqt li s-Sur Ellul jiehu iktar hsieb ir-ricerka u l-amministrazzjoni. Qalet ukoll li s-Sur Spiteri kien wahdu bhala technician fis-sezzjoni tal-anatomija u dejjem ha hsieb x-xoghol li kien hemm.

Xehed Peter Gatt rapprezentant tad-Direttur Rizorsi Umani tal-Universita` li qal li lir-rikorrent ma jafux personalment u li qed jixhed mir-records. Hu kkonferma c-certifikati esebiti minn fol 23 sa 36 u qal li kopji tac-certifikati jinsabu fil-file personali tieghu u ghal skopijiet tas-'selection board' u ta' promozzjonijiet jintalbu l-kopji originali. Semma li kienet harget sejha ghall-applikazzjoni ghal Laboratory Officer I, II, u III u qal li kien hemm stabbiliti l-kriterji biex jinghataw il-punteggi. Qal li l-membri tal-Bord kienu l-Professur Ganado, il-Professur Roger Ellul Micallef, Albert Cassar u Maurice Debono li kienu mahtura mill-Kunsill tal-Universita` u li kien hemm 17-il applikazzjoni. Qal ukoll li fis-sejha ghall-applikazzjoni m'hemmx imsemmija referenza ghar-rakkomandazzjonijiet u kull minn applika ssirlu intervista u mbaghad isir rapport li jmur quddiem il-Kunsill tal-Universita`.

Spjega li l-bord ikun iddecieda min huma l-kandidati maghzula izda l-approvazzjoni finali tkun mill-kunsill. Ikkonferma li l-applikanti kollha gew intervistati u qal li d-decizjoni tal-bord ittiehdet abbazi tad-dokumenti esebiti minnu kif ukoll permezz tal-intervisti. Hu esebixxa kopja tac-certifikat tas-City & Guilds ta' Ellul John Baptist a fol 141. Fir-rigward ta' Carmel Doublet qal li ma sab l-ebda certifikat u li kien ex Drydocks Worker. Fir-rigward ta' Nazzareno Sacco kellu City & Guilds part 1 Certificate u fir-rigward ta' Joseph Vella sab li kellu City & Guilds Certificate part 1, Science Laboratory Technician and part 1 certificate. Hu pprezenta wkoll id-dokumenti kollha bil-kopji tac-certifikati li sab ta' dawn il-persuni minn fol 146 sa 158. Semma li r-rapport unanimu tal-bord hu esebit a fol 94 u 95. Fir-rigward ta' Charles Camilleri u Charles Doublet qal li fl-1988 kienu Laboratory Officers II u fl-1994 hadu appointment ghal Laboratory Officer III.

Xehed il-Professur Roger Ellul Micallef li kkonferma li dak iz-zmien hu kien Chairman tal-bord tal-ghazla u qal li hu kien ilu jaf personalment kemm lis-Sur Spiteri kif ukoll lill-kandidati l-ohra. Spjega li d-decizjonijiet ittiehdu unanimament mill-bord kollu, 16 kienu l-applikanti u gew

maghzula 11. Semma li l-ghazla saret abbazi fuq numru ta’ kriterji; dwar il-kriterju ta’ kwalifiki s-Sur Spiteri mar ahjar f’dan il-kriterju imma mbaghad kien hemm kriterji ohra fejn ir-rikorrent ma marx daqshekk tajjeb. Zied ighid li jitqiesu hafna affarijiet, efficjenza, livell ta’ responsabiltajiet, performance u qal li hu jaf lir-rikorrent u lill-persuna li ntaghzlet u m’ghandu l-ebda dubju li saret ghazla tajba. Hu spjega li s-Sur Ellul gie appuntat Laboratory Officer III u jiftakar li s-Sur Ellul kien hafna ahjar. Ellul ma kellux il-part III tas-City & Guilds imma kellu tliet pubblikazzjonijiet, tnejn minnhom fl-American Journal u spjega li ghal non academic staff member ma kienx komuni li jkollu dawn il-kwalitajiet. Spjega li l-appointments isiru mill-Kunsill fuq parir tal-bord u enfasizza li hu kien gej mid-dinja tal-medicina u li dawn in-nies jiftakarhom dehlin u jiftakarhom jahdmu.

In kontro ezami qal li jigu kunsidrati l-efficjenza, kapacita`, u x’ghamel bil-kwalifiki. Specifika li l-Universita` tat opportunita` lis-Sur Spiteri li mar sentejn jistudja barra u allura jigi kunsidrat ukoll x’ghamel bihom u x’ responsabbilta` ta u importanti wkoll kif gab ruhu l-persuna waqt l-intervista. Fir-rigward tas-Sur Spiteri in partikolari qal li ma lahaqx il-livell tal-hdax-il persuna ghalkemm fir-rigward ta’ kwalifiki kellu iktar minn ohrajn. Fir-rigward ta’ esperjenza r-rikorrent kien dejjem fl-anatomija u kellu kontinwament kuntatt mal-istudenti ghax dan kien propju parti minn xoghlu filwaqt li s-Sur Ellul kien iktar fuq ir-ricerka u ma kellux kuntatt dirett mal-istudenti. Qal li hu jhossu konvint mill-ghazla li saret.

**KONKLUZJONIJIET:**

L-ilment tar-rikorrent hu li fl-1993 kien applika ghall-grad ta’ Lab Tech III u li skond ma sostna hu kellu l-kwalifiki mehtiega u ghamel l-interview xorta gie maqbuz minn persuni li kienu anqas kwalifikati minnu kif ukoll kellhom anqas esperjenza minnu u sostna li dan kien jammonta ghal ingustizzja u diskriminazzjoni. L-intimat sostna li ma ghamel ebda ingustizzja fil-konfront tar-rikorrent.

Jidher li l-problema kienet li kien hemm kemm is-Sur Ellul u kemm is-Sur Camilleri jahdmu bhala Lab Assistants u li

fil-fatt gie appuntat is-Sur Ellul. It-tnejn li huma jidher li kienu efficjenti u kapaci u waqt li r-rikorrent jidher li kien aktar kwalifikat is-Sur Ellul kellu aktar pubblikazzjonijiet u fil-fehma tal-bord kellu aktar kwalitajiet ta’ efficjenza. Interessanti wkoll li Ellul kien appointed Technician fl-1966 waqt li r-rikorrent kien gie appuntat fl-1 ta’ Frar 1969 ghalkemm dan tal-ahhar direttament fid-Dipartiment tal-Anatomija. Dan kollu jwassal ghall-fatt li l-linja ta’ demarkazzjoni bejn ir-rikorrent u Ellul hija wahda veru limitata fejn wiehed ma jistax jasal ghall-konkluzjoni li saret ingustizzja meta jigi mahtur wiehed jew l-iehor b’ mod li dan it-Tribunal ma jistax jasal ghalhekk li saret ingustizzja fit-termini tal-Kap. 394 meta r-rikorrent ma nghatax il-kariga u ghal dawn il-motivi jilqa’ l-eccezzjoni tal-intimat.

Minhabba n-natura tal-kaz spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------